MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 135/1990/1

**Leonard Vella bhala Direttur f`isem u in rapprezentanza ta' Trident Limited**

***kontra***

**George Zammit u Paul Zammit it-tnejn bhala Diretturi f`isem u in rapprezentanza tal-kumpanniji "Associated Motors Company Limited", "Mira Motor Sales Limited", "Euch. Zammit & Sons Limited" u "Zammit Automobiles Limited"**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-5 ta’ Frar 1990 li taqra hekk –

*Peress illi l-kumpannija attrici giet awtorizzata mis-socjeta’ Middle Sea Insurance Co. Limited permezz ta’ “binding authority” sabiex taghmel u tohrog f’isem l-istess socjeta’ Middle Sea Insurance Co. Limited poloz ta’ assikurazzjoni, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Peress illi l-kumpannija attrici kienet f’isem is-socjeta’ Middle Sea Insurance Co. Limited harget polza ta’ assikurazzjoni “Marine Open Cover” , Dok “A”, lill-kumpannija konvenuta “Associated Motors Company Limited” u/jew kumpanniji assocjati jew sussidjarji li jikkomprendu l-kumpanniji konvenuti l-ohra ghall-perjodu bejn il-25 ta’ Ottubru 1983 u s-6 ta’ Awissu 1987 kif jirrizulta mid-dokument “B” esebit ;*

*Peress illi skond dan il-kuntratt ta’ assikurazzjoni l-kumpanniji konvenuti kienu obbligati illi jiddikjaraw kull taghbija u konsenja ta’ merkanzija u dan, inter alia, bl-iskop li jigi kkalkolat il-premju dovut lill-kumpannija attrici a bazi ta’ kull taghbija u konsenja ta’ merkanzija ;*

*Peress illi l-kumpanniji konvenuti naqsu illi jiddikjaraw kull taghbija u konsenja ta’ merkanzija u/jew ma ghamlux dikjarazzjoni veritiera, kif kienu obbligati li jaghmlu, bir-rizultat li naqsu li jhallsu l-premju dovut lill-kumpannija attrici, liema premju l-istess socjeta’ attrici kellha tigbru u tghaddih lis-socjeta’ Middle Sea Insurance Co. Limited ;*

*Peress illi skond l-istess kuntratt ta’ assikurazzjoni u skond l-istess termini tal-hatra tal-“binding authority” is-socjeta’ attrici kellha d-dritt u l-obbligu illi tigbor il-premju ta’ assikurazzjoni ;*

*Peress illi l-kumpanniji konvenuti nonostante illi gew mitluba sabiex jadempixxu l-obbligi taghhom baqghu inadempjenti ;*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti nomine jew min minnhom, in vista tal-premess, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :*

*1. tiddikjara jekk hemm bzonn li l-kumpanniji konvenuti kienu obbligati illi jiddikjaraw kull taghbija u konsenja ta' merkanzija bejn il-25 ta' Ottubru 1983 sas-6 ta' Awissu 1987 u jhallsu premju lill-kumpannija attrici li kienet tigbor dan il-premju kkalkolat fuq kull taghbija u konsenja ta' merkanzija skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni ;*

*2. tillikwida l-ammont ta' premju dovut kif inghad u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Associated Motors Company Limited" bejn il-25 ta' Ottubru 1983 u sas-6 ta' Awwissu 1987 skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni ;*

*3. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Associated Motors Company Limited" sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju ;*

*4. tillikwida l-ammont ta' premju dovut kif inghad u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Mira Motor Sales Limited" bejn il-25 ta' Ottubru 1983 u sas-6 ta' Awissu 1987 skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni ;*

*5. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Mira Motor Sales Limited" sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju ;*

*6. tillikwida l-ammont ta' premju dovut kif inghad u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Euch. Zammit & Sons Limited" bejn il-25 ta' Ottubru, 1983 u sas-6 ta' Awissu 1987 skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni ;*

*7. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Euch. Zammit & Sons Limited" nbiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju ;*

*8. tillikwida l-ammont ta' premju dovut kif inghad u mhux imhallas lill-kumpannija attrici mill-kumpannija konvenuta "Zammit Automobiles Limited" bejn il-25 ta' Ottubru 1983 u sas-6 ta' Awissu 1987 skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni ;*

*9. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta "Zammit Automobiles Limited" biex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont hekk likwidat bhala premju;*

*Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur noe, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti presentata fit-2 ta' Marzu 1990 li taqra hekk –

*1. In linea preliminari illi c-citazzjoni odjerna hija mproponibbli u rritwali a tenur tal-artikolu 907(2) tal-Kodici*

*tal-Procedura Civili stante illi giet intavolata qabel ma l-attur nomine hallas l-ispejjez gudizzjarji tal-eccipjenti nomine fil-kawza Citazzjoni 1324/88 CS fl-istess ismijiet u fuq l-istess mertu liema kawza giet ceduta mill-attur nomine;*

*2. Illi bla pregudizzju s-socjetajiet konvenuti "Mira Motors Sales Ltd", "Euch. Zammit & Sons Ltd" u "Zammit Automobiles Ltd" ma kellhom ebda polza ta' assikurazzjoni kif allegat fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'humiex il-legittimi kontraditturi ;*

*3. Illi bla pregudizzju l-polza Marine Open Cover mertu tal-kawza odjerna hija nulla stante li mill-istess jirrizulta illi kienet is-socjeta' attrici li qed tohrog il-polza ta' assikurazzjoni a favur is-socjeta' "Associated Motors Company Limited" mentri fil-fatt is-socjeta' attrici mhiex awtorizzata in forza tal-Memorandum and Articles of Association taghha sabiex taghmel dan ;*

*4. Illi bla pregudizzju l-polza Marine Open Cover hija nulla wkoll peress illi rrizulta li s-socjeta' assikuratrici ma kinitx Trident Limited izda l-Middle Sea Insurance Co Ltd u ghalhekk il-kuntratt huwa kolpit (1) b'difett formali li kwantu li l-parti ndikata bhala l-persuna li qed tohrog il-polza hija wahda differenti minn dik li fil-fatt hi, u (2) b'difett sostantiv minhabba vizju ta' kunsens fil-misraprezentazzjoni fil-persuna tas-socjeta' assikuratrici ;*

*5. Illi bla pregudizzju l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hu dovut l-ebda premju lis-socjeta' attrici illi effettivament ma kienet qed taghti l-ebda kopertura ta' assigurazzjoni lis-socjeta' konvenuta.*

*6. Minghajr pregudizzju l-merkanzija li s-socjeta' konvenuta minghaliha kienet qed tigi nxurjata ma' Trident Ltd u li fuqha kienet thallas il-premium lil Trident Ltd hija dik li kienet qed tigi dikjarata ghal iskop ta' insurance minn*

*zmien ghal zmien fuq il-formoli tas-socjeta' attrici u dan skond il-procedura stabilita u adoperata mill-bidunett mas-socjeta' attrici li fil-fatt hi l-prassi generali f'dan it-tip ta' open cover ;*

*7. Illi in vista tal-premess u minghajr pregudizzju l-unika funzjoni li jista' jivvanta li esegwixxa l-attur hija dik ta' broker li fi kwalunkwe kaz tali azzjoni tal-artikolu 2148(e) tal-kodici civili.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota tal-eccezzjonijiet.

Rat illi l-ewwel eccezzjoni kienet ritirata fl-udjenza tat-8 ta` Marzu 1990 quddiem din il-Qorti tal-Kummerc.

Rat in-nota b`dokumenti (fol 39 sa fol 47) li kienet esebita mill-attur noe.fit-23 ta` Marzu 1990 u n-nota b`dokumenti (fol 60 sa fol 78) li kienet esebita fis-27 ta` Gunju 1990.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Mario Grech (fol 80 sa fol 82) fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 1990.

Rat id-digriet ta` l-Qorti tal-Kummerc tal-20 ta` Novembru 1990 (fol 94) fejn inhatar l-Av. Dr. Tonio Mallia bhala perit legali sabiex *ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta` l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x`jaqsmu mal-kaz.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta` Jannar 2002 (fol 130) fejn wara li l-Av. Dr. Tonio Mallia sar Imhallef, inhatar bhala perit legali in sostituzzjoni tieghu l-Av. Dr. Louis Bianchi.

Rat in-nota tal-attur noe prezentata fis-27 ta` April 2007 (fol 154) fejn kien dikjarat hekk *li l-kawza fuq indikata kienet miexja ma` kawza ohra li ghadha pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fl-ismijiet David Curmi noe vs Eucharist Zammit et noe (Citazz. Nru. 998/88 – differita : 11.05.07) stante li l-provi fiz-zewg kawzi huma identici, u ghaldaqstant il-provi migbura fil-kawza pendentio ghandhom jikkostitwixxu prova anki fil-kawza fuq premessa.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza minn mindu bdiet tigi trattata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn jirrizulta li kienet qeghda titqies bhala miexja mal-kawza Citaz. Nru. 998/1988.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Gunju 2009 (fol 176 u fol 177) fejn cahdet it-talba tal-konvenuti sabiex iressqu eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Gunju 2009 (fol 178 u fol 179) fejn laqghet it-talba tal-partijiet sabiex il-provi kollha li ngabru fil-kawza Citaz. Nru. 998/1988 ikunu jghoddu bhala prova ghall-mertu tal-kawza tal-lum.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-attur noe (fol 179 sa fol 187) u dik tal-konvenuti (fol 193 sa fol 210).

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` April 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza *fl-ismijiet "Curmi noe vs Zammit et noe" (Citaz. Nru. 998/1988).*

Rat l-atti tal-kawza tal-lum, inkluzi l-atti tas-seduti peritali.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Generali</u>

Il-kawza fl-ismijiet *David Curmi, u b`nota tat-22 ta` Novembru 1989 Joseph Pace assuma l-atti minflok l-istess David Curmi, ghan-nom u in rappresentanza ta` "Middle Sea Insurance Company Limited" kontra Eucharist Zammit u Paul Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanniji "Associated Motors Company Limited", "Mira Motor Sales Limited", "Euch. Zammit & Sons Limited" u "Zammit Automobiles Limited" (Citaz. Nru. 998/88 JZM)* [minn issa `l quddiem tissejjah "il-kawza l-ohra"] giet deciza llum.

Ghalkemm il-premessi u t-talbiet tal-kawza tal-lum huma l-istess bhal dawk tal-kawza Citaz. Nru. 998/88 JZM, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-kawza tal-lum kienu xi ftit differenti minn dawk tal-kawza l-ohra.

**Din il-Qorti, a skans ta` ripetizzjoni, taghmel taghha, ghall-fini tal-kawza tal-lum, <u>ir-ragunijiet kollha</u> li wassluha sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u sabiex tilqa` t-talbiet attrici f`dik il-kawza.**

**Ladarba t-talbiet attrici fil-kawza l-ohra kienu milqugha, ma tistax tilqa` talbiet identici anke fil-kawza tal-lum.**

**Ghalhekk din il-Qorti sejra tistharreg il-fondatezza o meno tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti <u>fil-kawza tal-lum</u>, tiddeciedi konformement, u tippronunzja ruhha dwar il-kap tal-ispejjez.**

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Billi l-ewwel eccezzjoni kienet ritirata fl-udjenza tat-8 ta` Marzu 1990 quddiem il-Qorti tal-Kummerc, din il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tieni eccezzjoni li taqra hekk –

*Illi bla pregudizzju s-socjetajiet konvenuti "Mira Motors Sales Ltd", "Euch. Zammit & Sons Ltd" u "Zammit Automobiles Ltd" ma kellhom ebda polza ta' assikurazzjoni kif allegat fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'humiex il-legittimi kontraditturi ;*

Fil-kawza l-ohra, inghatat eccezzjoni simili li kienet taqra hekk –

*Is-socjetajiet konvenuti "Mira Motor Sales Ltd.", "Euch. Zammit & Sons Ltd." u "Zammit Automobiles Ltd." ma kellhom ebda polza ta` assikurazzjoni kif allegat fic-citazzjoni.*

Din il-Qorti tghid li dak li rrilevat fil-kawza l-ohra fil-kuntest ta` eccezzjoni simili jghodd ghall-kawza tal-lum.

Fil-kawza l-ohra, din il-Qorti qalet hekk –

*Jirrizulta mit-test tal-polza de qua illi l-istess polza saret for account of Messrs Associated Motors Limited and/or associated and/or subsidiary companies.*

*Jirrizulta wkoll milli xehed Joseph Zammit a fol 324 illi l-kopertura assikurattiva li saret tramite Trident kienet intiza sabiex tkopri l-erba` kumpanniji ta` Zammit u mhux dik il-wahda li kienet indikata bl-isem fil-polza. Inoltre mhux kontestat illi l-konvenuti "Mira Motor Sales Ltd.", "Euch. Zammit & Sons Ltd." u "Zammit Automobiles Ltd." Kienu kumpanniji assocjati ta` l-konvenuta "Associated Motors Limited".*

*Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad din it-tieni eccezzjoni.*

**Ghalhekk it-tieni eccezzjoni fil-kawza tal-lum qeghda tkun respinta.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. It-Tielet u r-Raba` Eccezzjonijiet**

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma simili b`*common denominator* : in-nullita`.

It-tielet eccezzjoni taqra hekk –

*Illi bla pregudizzju l-polza Marine Open Cover mertu tal-kawza odjerna hija nulla stante li mill-istess jirrizulta illi kienet is-socjeta' attrici li qed tohrog il-polza ta' assikurazzjoni a favur is-socjeta' "Associated Motors Company Limited" mentri fil-fatt is-socjeta' attrici mhiex*

*awtorizzata in forza tal-Memorandum and Articles of Association taghha sabiex taghmel dan.*

Ir-raba` eccezzjoni taqra hekk –

*Illi bla pregudizzju l-polza Marine Open Cover hija nulla wkoll peress illi rrizulta li s-socjeta' assikuratrici ma kinitx Trident Limited izda l-Middle Sea Insurance Co Ltd u ghalhekk il-kuntratt huwa kolpit (1) b'difett formali li kwantu li l-parti ndikata bhala l-persuna li qed tohrog il-polza hija wahda differenti minn dik li fil-fatt hi, u (2) b'difett sostantiv minhabba vizju ta' kunsens fil-misraprezentazzjoni fil-persuna tas-socjeta' assikuratrici.*

Din il-Qorti ma taqbilx li l-polza de qua kienet nulla.

Irrizulta li l-polza harget fil-25 ta` Ottubru 1983 mill-kumpannija attrici (minn issa `l quddiem tissejjah "Trident") kif kienet awtorizzata illi taghmel mill-kumpannija ta` assikurazzjoni Middle Sea Insurance Co. Ltd. (minn issa `l quddiem tissejjah "Middlesea") sabiex taghti kopertura assikurativa b` polza tat-tip *marine open cover* lill-erba` kumpanniji konvenuti (minn issa `l quddiem jissejhu "Zammit"). Ghalkemm il-koperatura kienet ghal sena, il-polza baqghet tiggedded sena wara l-ohra sakemm giet ikkancellata fis-7 ta' Lulju 1987.

Irrizulta li Trident kellha *binding authority* minn Middlesea sabiex tohrog il-polza de qua. Fit-tieni pagna tal-polza, jirrizulta kjarament li l-assikuratur kienet Middlesea tant illi jinghad *100% approved in accordance with the Insurance Business Act 1981 – Middle Sea Insurance Limited.* Skond Dok LV1, jirrizulta li Middlesea tat lil Trident l-awtorita` '*to issue cover notes and/or certificates and/or open covers of marine cargo insurance*'. Trident ghalhekk harget il-polza skond l-awtorita` li kellha minghand Middlesea.

In-nullita` eccepita minn Zammit ma tirrizultax.

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.</u>**

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Il-Hames Eccezzjoni</u>**

Din l-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi bla pregudizzju l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma hu dovut l-ebda premju lis-socjeta' attrici illi effettivament ma kienet qed taghti l-ebda kopertura ta' assigurazzjoni lis-socjeta' konvenuta.*

Din l-eccezzjoni mhijiex sostenibbli **<u>kif dedotta</u>** ghax ghalkemm Middlesea kienet qeghda taghti l-kopertura assikurattiva lil Zammit, Trident kienet l-agent ta` Middlesea u kienet awtorizzata tigbor il-*premium* minghand Zammit ghan-nom ta` Middlesea, soggett li tithallas il-*commission* taghha minghand Middlesea.

Issa fil-kawza l-ohra din il-Qorti sabet li Middlesea kellha ragun tfittex ghall-*premium* mankanti. Ladarba Middlesea, li hija kumpannija prezenti f`dawn il-Gzejjer, ghazlet illi *de proprio* tirreklama dak li kienet qeghda tallega li kien taghha, u din il-Qorti taghtha ragun fil-kawza l-ohra, l-agent taghha Trident ma setghetx tirreklama dak il-*premium* ghall-principal taghha Middlesea meta Middlesea kienet prezenti f`dawn il-Gzejjer, minkejja l-*binding authority agreement* li kien hemm bejn Trident u Middlesea.

Ghalhekk Trident ma setghetx taghmel kawza biex tigbor il-*premium* dovut lil Middlesea. Mhux ghaliex ma kenitx hi l-assikuratur, kif eccepew Zammit, izda ghaliex l-assikuratur u cioe` Middlesea kienet prezenti f`dawn il-Gzejjer u sabiex tigbor il-*premium* gudizzjarjament kienet obbligata taghmel il-kawza hi *de proprio* mhux tramite mandatarju jew agent..

**<u>Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad il-hames eccezzjoni kif dedotta.</u>**

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Is-Sitt Eccezzjoni</u>**

Din l-eccezzjoni taqra hekk –

*Minghajr pregudizzju l-merkanzija li s-socjeta' konvenuta minghaliha kienet qed tigi nxurjata ma' Trident Ltd u li fuqha kienet thallas il-premium lil Trident Ltd hija dik li kienet qed tigi dikjarata ghal iskop ta' insurance minn zmien ghal zmien fuq il-formoli tas-socjeta' attrici u dan skond il-procedura stabilita u adoperata mill-bidunett mas-socjeta' attrici li fil-fatt hi l-prassi generali f'dan it-tip ta' open cover.*

Din hija eccezzjoni fil-meritu. Din il-Qorti qeghda ghalhekk tirreferi ghall-motivazzjoni tas-sentenza fil-kawza l-ohra. U ghar-ragunijiet hemm moghtija, **<u>qeghda tichad din is-sitt eccezzjoni</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Is-Seba` Eccezzjoni</u>**

Din l-eccezzjoni taq ra hekk –

*Illi in vista tal-premess u minghajr pregudizzju l-unika funzjoni li jista' jivvanta li esegwixxa l-attur hija dik ta' broker li fi kwalunkwe kaz tali azzjoni tal-artikolu 2148(e) tal-kodici civili.*

**L-Art.2148(e) tal-Kap.16** jaqra hekk **–**

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar … l-azzjonijiet tas-sensala, għad-dritt tas-senserija.*

Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

Dan premess **ma jirrizultax** mill-*binding authority agreement* ta` bejn Trident u Middlesea illi Trident kienet sensal. Kienet agent pero` mhux sensal. Fil-kamp tal-assikurazzjoni, id-differenza bejn it-tnejn hija radikali ghaliex filwaqt illi agent jagixxi f`isem u ghan-nom tal-assikuratur skond il-ftehim ta` bejniethom, is-sensal (jew bl-Ingliz il-*broker*) jagixxi fl-interess tal-assikurat. Mela d-disposizzjoni citata minn Zammit mhijiex applikabbli ghall-kaz tal-lum.

**Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad is-seba` eccezzjoni**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad is-seba` eccezzjoni u cioe` dik tal-preskrizzjoni.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra.**

**Tastjeni milli tkompli tqis it-talbiet attrici in vista tal-esitu tal-kawza fl-ismijiet "*David Curmi, u b`nota tat-22 ta` Novembru 1989 Joseph Pace assuma l-atti minflok l-istess David Curmi, ghan-nom u in rappresentanza ta` "Middle Sea Insurance Company Limited" kontra Eucharist Zammit u Paul Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanniji "Associated Motors Company Limited", "Mira Motor Sales Limited", "Euch. Zammit & Sons Limited" u "Zammit Automobiles Limited"* (Citaz. Nru. 998/88 JZM) li kienet deciza llum minn din il-Qorti kif presjeduta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------